MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 96/2007

Maria Agius
vs
Josephine sive Guza Schembri, Paul Aquilina, Louis Schembri li b'digriet tad-9 ta' Frar 2007 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti minn Malta Katy Rogers, kif ukoll Louis Schembri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Maria Agius li bih esponiet:

1. Illi r-rikorrenti hija bint il-mejtin Philip Aquilina u Carmena Aquilina xebba Grixti li mietu respettivament fl-24 ta' April, 1990 u s-16 ta' Frar, 2001 rispettivament, u dan kif jidher mic-certifikati tal-mewt annessi mar-rikors u immarkati A u B;

2. Illi l-intimati f'din il-kawza huma hut l-istess rikorrenti ghajr ghal Louis Schembri, li jigi n-neputi tar-

rikorrenti u omm Louis Schembri hija oht ir-rikorrenti u jisimha Josephine sive Guza Schembri, u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' Louis Schembri anness mar-rikors u immarkat dokument C;

3. Illi l-genituri ta' l-ahwa Aquilina, kienu ghamlu, testment *unica charta* fil-21 ta' Frar 1977 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Cachia LL.D. u dan kif jirrizulta mit-testment anness mar-rikors u immarkat dokument D;

4. Illi l-genituri ta' l-ahwa Aquilina hallew is-segwenti proprjeta` bhala wirt – (i) buisness tal-hanut 'Lucky Bar' 63, gewwa Ta' Xbiex Sea Front, Ta' Xbiex, (ii) il-kirja ta' l-istess hanut bl-indirizz 63 Ta' Xbiex Sea Front, Ta' Xbiex, (iii) Kajjik, (iv) karozza tat-tip Ford Cortina targata 35588, (v) ghamara varja u (vi) flus varji kemm Malta u kemm barra minn Malta;

5. Illi l-mejtin Philip u Carmena konjugi Aquilina kienu proprjetarji tal-fond immobiljari 61, Ta' Xbiex Sea Front, Msida, liema proprjeta` giet trasferita b'simulazzjoni kif jigi ippruvat dettaljament waqt it-trattazzjoni tal-kawza permezz ta' kuntratt tal-hmistax (15) ta' Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Said LL.D, li kopja tieghu gie anness mar-rikors bhala Dokument E, dan il-kuntratt jindika li sar f'dak iz-zmien, pero` l-istess kuntratt ghal xi raguni, gie insinwat tlettax-ilsena wara u cioe` fl-1 ta' Awissu 2002, kif jirrizulta mill-insinwa ta' l-imsemmi kuntratt anness mar-rikors u immarkat dokument F;

6. Illi dan il-kuntratt sar b'simulazzjoni u sar sabiex jilledi d-drittijiet ta' l-istess rikorrenti, li ma hadet xejn mill-wirt ta' ommha u missierha, u dan billi l-assi principali tal-konjugi mejtin genituri tal-kontendenti (ghajr ghal Louis Schembri), gew trasferiti b'simulazzjoni u b'mod illegali, kif ser jigi ippruvat waqt il-kawza;

7. Illi r-rikorrenti talbet lil hutha u lil Louis Schembri, sabiex jersqu ghar-rexissjoni tal-kuntratt tal-hmistax (15) ta' Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Philip Said LL.D. Gew imsejha hekk jaghmlu permezz ta' ittra ufficjali

tal-4 ta’ Settembru 2006, li kopja taghha giet annessa mar-rikors u immarkata dokument G;

8. Illi fit-testment *unica charta* tal-21 ta’ Frar 1977 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Cachia LL.D., il-genituri tar-rikorrenti u Carmena konjugi Aquilina, hallew b’titolu prelegat lil binthom Josephine Schembri, l-avvjament u d-dritt ta’ l-inkwilinat tal-hanut numru wiehed u sittin (61) Ta’ Xbiex Sea Front, Msida, li jgib l-isem ta’ ‘Lucky Bar’, inkluz l-istokk kollu li kien hemm go l-istess hanut u l-oggetti kollha go fiha;

9. Illi b’dan il-legat moghtija lil Josephine Schembri u bil-kuntratt tal-hmistax (15) ta’ Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Cachia LLD, il-konjugi Philip u Carmena Aquilina, iddisponew mill-assi taghhom, b’mod illi illedew il-legittima spettanti lir-rikorrenti mill-wirt tal-mejtin genituri taghha;

10. Illi r-rikorrenti ma tridx taccetta l-eredita` tal-mejtin genituri taghha l-konjugi Philip u Carmena Aquilina, u trid titlob il-legittima spettanti lilha skond il-ligi;

11. Illi r-rikorrenti ghandha sehem ta’ dodecisima parti indiviza mill-eredita` tal-mejtin genituri taghha;

12. Illi r-rikorrenti ma tridx tibqa’ aktar in komuni mal-intimati a rigward sehemha tal-legittima dovuta lilha;

13. Illi r-rikorrenti interpellaw lill-intimati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni tal-legittima dovuta lilha, pero` dawn baqghu inadempjenti;

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi fuq il-konsistenza tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi mejtin genituri Philip u Carmena Aquilina;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti hija intitolata ghal-legittima dovuta lilha fuq l-eredita` tal-mejtin genituri taghha Philip u Carmena Aquilina;

3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-proprjeta` immoblijari 61, Ta' Xbiex Sea Front, Msida, liema proprjeta` giet trasferita b'simulazzjoni kif jigi ippruvat dettaljament waqt it-trattazzjoni tal-kawza permezz ta' kuntratt tal-hmistax (15) ta' Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Said LL.D., hija inkluza u suggetta ghall-kollazzjoni skond l-artikolu 915 tal-Kapitolu 16, u dan jekk hemm bzonn anki bl-ghajnuna ta' periti nominandi sabiex jivvalutaw il-proprjeta` immobbli u sabiex jivvalutaw kemm huwa s-sehem li l-mejtin konjugi Philip u Carmena Aquilina setghu iddisponew, u kemm huwa dak is-sehem, suggett ghall-kollazzjoni;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-assi ereditarji tal-mejtin Philip u Carmena Aquilina ghandhom jinqasmu f'erba' porzjonijiet, b'dan illi r-rikorrenti ghandha tiehu u tigi likwidata d-dodecesima parti indiviza mill-fuq imsemmija assi tal-mejtin genituri Philip u Carmena Aquilina;

5. Tiddikjara u tiddeciedi li l-eredita` tal-mejtin Philip u Carmena Aquilina mhix komodament divizibbli gialadarba li r-rikorrenti ghandha dodecesima parti indiviza mill-assi tal-mejtin genituri taghha bhala sehemha mil-legittima;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Settembru 2006. L-intimati gew ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Dr. Patrick Valentino u l-P.L Louisa Tufigno fil-kwalita` taghhom ta' Kuraturi Deputati nominati b'digriet tat-3 ta' Lulju 2007 sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Kathy Rogers u Louis Schembri li biha eccepew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` irriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mas-socjeta` minnhom rappresentata.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-Kuraturi Deputati.

Rat ir-risposta ta' Josephine sive Guza Schembri u Louis Schembri li biha eccepew:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din il-Qorti, spejjez kontra l-attrici ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi *in limine litis*, ir-rikors guramentat huwa null u bla effett peress li, kif imsejjes, huwa irritu w irritwali u, ghalhekk, l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. It-talba attrici, sabiex l-imsemmi kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989 imsemmi fir-rikors guramentat jitqies bhala wiehed *simulat* (talba numru 3), tistrieh fuq kawzali li hija indipendenti u differenti ghal kollox mill-kawzali ta' l-azzjoni attrici ghal-legittima (allegalment) dovuta lill-attrici mill-wirt tal-genituri taghha (talba numru 2); kif inhi differenti wkoll mill-kawzali li fuqha tistrieh it-talba attrici rigwardanti d-divizibbilita` *o meno* ta' l-eredita` tal-genituri taghha (talba numru 5). Kwindi, galadarba t-talbiet attrici huma msejsa fuq kawzali divirgenti minn xulxin m'huwiex proceduralment permess li jingiebu f'kawza wahda.

2. Illi preliminarjament ukoll, it-tielet (3) talba attrici kif inhi postulata hija nulla u bla effett stante li kif inhi ma tistax tintlaqa' minhabba nuqqas ta' (i) talba *ad hoc* sabiex, qabel xejn, l-imsemmi kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989 jigi dikjarat minn dina l-Qorti bhala wiehed 'simulat' u (ii) talba relattiva ghar-rexissjoni ta' l-istess kuntratt; u ghalhekk l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici dwar il-kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989, allegatament simulat (talba numru 3), hija preskritta *ai*

*termini* ta' l-artikolu 1222 tal-Kodici Civili, Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, dwar it-talba attrici ghal-legittima allegatament dovuta lilha mill-wirt ta' missierha Philip Aquilina li miet fl-24 ta' April, 1990 (talba numru 2), tali talba hija llum preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 845 tal-Kodici Civili, Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, dwar it-talba attrici ghal-legittima, l-intimati jecepixxu fil-mertu li l-l-attrici ma setghetx tippromwovi din l-istanza stante li ma haditx dawk il-passi necessarji sabiex qabel xejn formalment tirrinunzja l-wirt tal-genituri taghha (art. 860 *et seq*., Kapitolu 16), stante li r-rinunzja hija pre-ordinata ghal talba ta' legittima. *Inoltre*, l-attrici *ora mai* ma tistax tirrinunzja l-wirt tal-genituri taghha peress illi wara l-mewt tal-genituri taghha accettat, anke` tacitament, il-wirt tal-genituri taghha.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu, mhuwiex minnu dak allegat mill-attrici u cioe` li bil-prelegat fit-testment *unica charta* tal-21 ta' Frar 1977 il-mejtin genituri ta' l-attrici illedew il-legittima spettanti lill-attrici mill-wirt tal-mejtin genituri taghha.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ghar-rigward tat-tielet (3) talba attrici, m'huwiex minnu li l-kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Philip Said huwa simulat kif qed tallega l-attrici u ma hemm ebda lok ghall-kollazzjoni kif mitluba mill-attrici.

8. Illi dwar it-talba attrici numru erbgha (4), l-attrici m'hijiex cara dwar bejn min ghandha tinqasam l-eredita` tal-genituri taghha fl-erba' (4) porzjonijiet imsemmija fl-istess talba u daqstant m'hija cara l-attrici dwar il-bazi legali ghat-talba taghha ghad-dodecezima parti mill-assi tal-mejtin konjugi Aquilina genituri taghha, li *in ogni caso*, tali "dodecezima parti" mhijiex dovuta lill-attrici.

9. Illi dwar il-hames talba attrici, l-intimati jeccepixxu li m’huwiex il-kaz u barra minn loku li ssir minn dina l-Qorti fil-kawza odjerna d-dikjarazzjoni mitluba mill-attrici li l-eredita` tal-mejtin konjugi Aquilina mhijiex komodament divizibbli (i) l-ewwelnett billi l-kawza odjerna mhijiex wahda ta’ licitazzjoni u (ii) it-tieni nett anke’ jekk, *dato ma non concesso*, l-attrici ghandha dritt ghad-dodecezima parti mill-eredita` tal-konjugi Aquilina, l-eredi tal-konjugi Aquilina mhumiex obbligati jissaldaw tali dritt b’pagament *in kind* mill-imsemmija eredita`: kwindi dikjarazzjoni dwar id-divizibbilita` *o meno* ta’ l-eredita` mhijiex mehtiega.

10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimati.

Rat ir-risposta ta’ Paul Aquilina u ta’ Louis Schembri *nomine* li biha eccepew:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din il-Qorti, spejjez kontra l-attrici ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi *in limine litis*, ir-rikors guramentat huwa null u bla effett peress li, kif imsejjes, huwa irritu w irritwali u, ghalhekk, l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. It-talba attrici, sabiex l-imsemmi kuntratt tal-15 ta’ Marzu 1989 imsemmi fir-rikors guramentat jitqies bhala wiehed *simulat* (talba numru 3), tistrieh fuq kawzali li hija indipendenti u differenti ghal kollox mill-kawzali ta’ l-azzjoni attrici ghal-legittima (allegalment) dovuta lill-attrici mill-wirt tal-genituri taghha (talba numru 2); kif inhi differenti wkoll mill-kawzali li fuqha tistrieh it-talba attrici rigwardanti d-divizibbilita` *o meno* ta’ l-eredita` tal-genituri taghha (talba numru 5). Kwindi, galadarba t-talbiet attrici huma msejsa fuq kawzali divirgenti minn xulxin m’huwiex proceduralment permess li jingiebu f’kawza wahda.

2. Illi preliminarjament ukoll, it-tielet (3) talba attrici kif inhi postulata hija nulla u bla effett stante li kif inhi ma tistax tintlaqa' minhabba nuqqas ta' (i) talba *ad hoc* sabiex, qabel xejn, l-imsemmi kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989 jigi dikjarat minn dina l-Qorti bhala wiehed 'simulat' u (ii) talba relattiva ghar-rexissjoni ta' l-istess kuntratt; u ghalhekk l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici dwar il-kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989, allegatament simulat (talba numru 3), hija preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 1222 tal-Kodici Civili, Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, dwar it-talba attrici ghal-legittima allegatament dovuta lilha mill-wirt ta' missierha Philip Aquilina li miet fl-24 ta' April, 1990 (talba numru 2), tali talba hija llum preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 845 tal-Kodici Civili, Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, dwar it-talba attrici ghal-legittima, l-intimati jecepixxu fil-mertu li l-l-attrici ma setghetx tippromwovi din l-istanza stante li ma haditx dawk il-passi necessarji sabiex qabel xejn formalment tirrinunzja l-wirt tal-genituri taghha (art. 860 *et seq*., Kapitolu 16), stante li r-rinunzja hija pre-ordinata ghal talba ta' legittima. *Inoltre*, l-attrici *ora mai* ma tistax tirrinuncja l-wirt tal-genituri taghha peress illi wara l-mewt tal-genituri taghha accettat, anke` tacitament, il-wirt tal-genituri taghha.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu, mhuwiex minnu dak allegat mill-attrici u cioe` li bil-prelegat fit-testment *unica charta* tal-21 ta' Frar 1977 il-mejtin genituri ta' l-attrici illedew il-legittima spettanti lill-attrici mill-wirt tal-mejtin genituri taghha.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ghar-rigward tat-tielet (3) talba attrici, m'huwiex minnu li l-kuntratt tal-15 ta' Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Philip Said

huwa simulat kif qed tallega l-attrici u ma hemm ebda lok ghall-kollazzjoni kif mitluba mill-attrici.

8. Illi dwar it-talba attrici numru erbgha (4), l-attrici m'hijiex cara dwar bejn min ghandha tinqasam l-eredita` tal-genituri taghha fl-erba' (4) porzjonijiet imsemmija fl-istess talba u daqstant m'hija cara l-attrici dwar il-bazi legali ghat-talba taghha ghad-dodecezima parti mill-assi tal-mejtin konjugi Aquilina genituri taghha, li *in ogni caso*, tali "dodecezima parti" mhijiex dovuta lill-attrici.

9. Illi dwar il-hames talba attrici, l-intimati jeccepixxu li m'huwiex il-kaz u barra minn loku li ssir minn dina l-Qorti fil-kawza odjerna d-dikjarazzjoni mitluba mill-attrici li l-eredita` tal-mejtin konjugi Aquilina mhijiex komodament divizibbli (i) l-ewwelnett billi l-kawza odjerna mhijiex wahda ta' licitazzjoni u (ii) it-tieni nett anke' jekk, *dato ma non concesso*, l-attrici ghandha dritt ghad-dodecezima parti mill-eredita` tal-konjugi Aquilina, l-eredi tal-konjugi Aquilina mhumiex obbligati jissaldaw tali dritt b'pagament *in kind* mill-imsemmija eredita`: kwindi dikjarazzjoni dwar id-divizibbilita` *o meno* ta' l-eredita` mhijiex mehtiega.

10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Rat in-nota tad-19 ta' Gunju, 2008 (fol 116) li permezz taghha Maria Agius irrinunzjat mill-wirt tal-genituri taghha, salv ghas-sehem riservat/legittima skond il-ligi.

**C. PROVI:**

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tat-23 ta' April, 2008 li permezz taghha (wara li l-Qorti iddikjarat li fil-kawza odjerna r-rikorrenti mhux qed titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt tal-15 ta' Marzu, 1989 u fil-fatt anqas intalbet dikjarazzjoni ghar-rexxissjoni u li ghalhek il-kuntratt irid jitqies bhala wiehed validu), cahdet l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni waqt li laqghet ir-raba' eccezzjoni fejn gie eccepit li t-talba ghal-legittima allegatament dovuta lir-rikorrenti hija preskritta *ai termini* tal-Kap 16 artikolu 845 minhabba li tali talba tispicca fl-eghluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni meta Philip Aquilina miet fl-24 ta' April, 1990 u l-kawza giet ipprezentata fis-26 ta' Jannar 2007.

Gie prezentat affidavit ta' Mario Agius, bin l-attrici fejn issemma l-bejgh tal-fond 61, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex u informahom permezz ta' ittra inkluz lil ommu l-attrici. Kien anke rcieva risposta minghand ommu.

Xehdet Audrey Ghigo, *Court Representative* ta' l-HSBC u b'riferenza ghal depoziti bankarji ta' Philip u Carmen Aquilina spjegat li r-*retention period* hija ta' disa' snin. Sabet kont fuq Philip u Carmen Aquilina bin-numru 854076582 li kien infetah fis-27 ta' Ottubru, 1986 u nghalaq fis-29 ta' Awwissu, 2000 u esebiet l-i*statement* tieghu.

Xehed Joe Borg Cardona, *Manager Bank of Valletta Legal Office* li semma li ma nstabu ebda kontijiet f'isem il-konjugi Aquilina.

Xehed l-iSpettur Jesmond Micallef li semma li dwar permessi mal-Ghassa ta' l-Msida l-*licencee* fuq il-post imsemmi huwa s-Sur Louis Schembri.

Xehed Louis Schembri bin Josephine Schembri. Philip u Carmen Aquilina kellhom erbat itfal u cioe` lil Maria l-attrici, ommu Guza, Catherine u Pawlu. Irrefera ghall-kuntratt ta' l-akkwist fuq il-fond 61, Ta' Xbiex Sea Front, Ta' Xbiex, u semma li fuq il-kuntratt ta' l-akkwist apparti minnu kien deher il-prokuratur (ghalkemm xorta wahda n-nanniet kienu prezenti) u l-prokuratur kien jismu Mario

Agius, it-tifel ta' l-attrici. Il-flus tax-xiri kien tahom lill-prokuratur fil-prezenza tan-nutar. Semma li l-permess kien fuq nannuh u l-kirja kienet tghajjat fuqu.

Gie prezentat affidavit ta' Louis Schembri fejn issemma dwar il-fond 61, Ta' Xbiex Seafront, l-Msida li l-kuntratt gie ffirmat fil-hmistax (15) ta' Marzu, 1989 fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Said LL.D. Dakinhar kien hemm ukoll prezenti ommu Josephine *sive* Guza Schembri u l-prokuratur tan-nanniet tieghu, li kien Mario Agius li jigi iben l-attrici u allura wkoll kugin tieghu. Kien hemm ukoll in-nanniet tieghu, *cioe`* Karmena u Philip Aquilina.

Semma li xtaq jixtri t-terran 61, Ta' Xbiex Seafront, l-Msida minghand in-nanniet tieghu u huma accettaw u qalulu li kienu lesti li jbighulu l-fond u jaqsmu l-flus bejn it-tfal taghhom, u *cioe`* ommu Josephine Schembri, Katy Rogers, Paul Aquilina u l-attrici Maria Agius. Dan il-bejgh kien sar taht kundizzjoni specifika li n-nanniet tieghu setghu jibqghu jghixu f'dan it-terran sal-mewt taghhom u minghajr l-ebda hlas ta' kera. L-attrici kienet taf dwar dan u qatt ma oggezzjonat. Semma l-ittra li binha Mario Agius baghat fid-19 ta' Lulju, 1993 indirizzata fost l-ohrajn lill-attrici fejn infurmahom dwar il-bejgh ta' l-imsemmi fond.

Zied li ommu Guza kienet raddet lura lil hutha Katy Rogers u Paul Aquilina Lm250 kull wiehed u zammet Lm250 ghaliha *stante* li Maria Agius kienet diga` zammet Lm250 li kienu sehemha. Dawn il-flus kienu jirrapprezentaw is-somma ta' Lm1,000 li l-attrici kienet isselfet minghand il-genituri taghha, jigifieri n-nanniet tieghu Philip u Karmena Aquilina, qabel il-mewt taghhom. B'din id-distribuzzjoni l-ahwa kollha gew inghataw sehemhom mill-wirt fir-rigward ta' dina s-somma. Semma li sa fejn jaf hu din kienet l-unika somma flus li hallew warajhom in-nanniet tieghu.

Dwar il-hanut '*Lucky Bar*', 63 gewwa Ta' Xbiex Sea Front, l-Imsida wara li kienu offrewh lit-tfal l-ohra izda li hadd minnhom ma wera interess li jzommu, offrewh ukoll lil ommu ghax hi biss kienet uriet interess fil-*business* tal-hanut. Fl-isemmi testment in-negozju tal-hanut kien

ghadu taht kirja u ommu, flimkien ma’ missieru, kienet xtrat il-hanut xi zmien wara.

Zied li l-attrici kienet irceviet rceviet ukoll arlogg u zewg vazuni pariggu tac-caqquf li kienet tatha ommha, u *cioe`* nanntu Karmena Aquilina, wara li kien miet in-nannu. Barra minnhekk nanntu Karmena (u dan wara li kien miet in-nannu wkoll) kienet tatha wkoll labra u brazzuletta li bhalhom kienet tat ukoll wahda kull wiehed lil kull wahda mit-tfal il-bniet taghha.  F’okkazjoni ohra Maria Aguis kienet inghatat ukoll par imsielet irqaq minghand in-nanna (u dan wara li kien miet in-nannu).

Gie prezentat affidavit ta’ Maria Agius fejn issemma li hi ma hadet xejn mill-wirt ta’ ommha u missierha, anqas oggett wiehed.  Ghalhekk iddecidiet li tezercita d-drittijiet taghha  sabiex tiehu l-legittima.

Irreferiet ghat-testment ta’ ommha u missierha tas-17 ta’ Frar, 1977.  Sostniet li l-wirt kien jikkonsisti fis-segwenti:
Proprjeta` Immobbli
1. Il-post 61 Ta’ Xbiex SeaFront, Ta’ Xbiex.  Illi din il-proprjeta` kienet id-dar ta’ ommha u missierha u hi trabbiet f’din id-dar, kif trabbew hutha.  Din id-dar tinsab faccata tal-bahar, jinsab mal-livell tat-triq u tiswa mill-anqas Lm70,000 illum il-gurnata;

2. Illi kirja tal-bar ‘Lucky Bar’, 61, li jinsab ukoll quddiem il-marina tal-Msida, faccata tal-bahar.  Illi skond it-testment jidher bic-car li dan il-*bar* bl-istokk, bl-avvjament u dak kollu li kien hemm gie mholli lill-ohtha Josephine *sive* Guza Schembri.  Taf li dan il-*bar* inxtara minn Josephine *sive* Guza Schembri, mill-familja ta’ Carlo Camilleri.

Proprjeta` Mobbli
Kajjik li kien spicca ghand huha Pawlu u llum ma tafx x’sar minnu.  Sostniet li dan il-kajjik illum jiswa mal-Lm2,500.

Diversi oggetti ta’ pregju, fosthom ghamara antika.

Gizirajjen, dehebijiet u affarijiet ta’ fajjenza li jiswew mill-anqas Lm3,000.

Gie prezentat affidavit ta’ Guza Schembri fejn issemma dwar il-kuntratt li permezz tieghu Louis Schembri, binha, xtara minghand il-genituri taghha (li jigu n-nanniet ta’ Louis) it-terran 61, Ta’ Xbiex Seafront, l-Msida. Dan sar fil-15 ta’ Marzu, 1989. Ikkonfermat li kienet prezenti meta sar il-kuntratt. Binha ma ghamel xejn bil-mohbi.

Sostniet li ohtha kienet accettat sehemha mill-wirt tal-genituri taghha. Kienet hadet arlogg u zewg vazuni pariggu tac-caqquf.

Irreferiet ghal meta madwar is-sena 1989, ohtha Maria kellha bzonn Lm1,000. Ommha kienet avvicinatha u qaltilha:
“Hemm Lm1,000 fil-kexxun tal-gradenza: Tihom lil ohtok Maria u inti zomm dawn il-muniti bhala rahan biex ikun hemm xi haga x’juri li l-elf lira (Lm 1,000) tieghi hadithom ohtok Maria.”

Dawn il-muniti kienu t’ohtha Maria u ghalhekk hi zammithom bhala rahan. Imbaghad ghall-habta ta’ Novembru tas-sena l-ohra (2006), ohtha Maria baghtet mat-tifla taghha Montez Lm750 mill-Lm1,000 u qaltilha li ser izzomm Lm250 hi. Montez qaltilha:
“Dawn huma Lm750, ommi ser izzomm sehemha (mill-wirt) u *cioe`* Lm250. Tini l-muniti lura.”

U s-Lm750 hi qasmithom maz-zewg hutha l-ohra.

Ziedet li wara l-mewt tal-genituri taghha irrizulta li flus il-bank ma kien hemm xejn. Il-genituri taghha hallew xi erba’ bicciet ghamara. Il-gojjelli li kellha kienet tathomlom f’hajjitha.

Gie prezentat affidavit ta’ Paul Aquilina hu Maria Agius u Guza Schembri fejn issemma b’referenza ghat-terran 61, Ta’ Xbiex Seafront, l-Imsida, sar jaf b’dan il-kuntratt madwar tnax (12)-il sena qabel. Zied li t-talba ta’ ohtu Maria ghal-legittima kienet ta’ sorpriza kbira ghalih,

specjalment meta ohtu Maria taf li l-flus li kellhom ommu u missieru hadhom binha Mario, li kien prokuratur ta' missieru u ta' ommu.

Semma dwar kif ohtu Guza kienet tatu Lm250 mill-wirt tal-gendituri taghha u spjega ghaliex. Dwar il-kajjikk, dan kien fi stat hazin hafna. In segwitu rrangah, nefaqlu Lm400 magna u bieghu Lm1,000.

Dwar ghamara l-genituri tieghu hallew xi erba' bicciet kollox.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Giovanna Antida *sive* Antida Agius</u>, separata minn Mario Agius u *cioe`* bin l-attrici Maria Agius fejn semmiet li xorta wahda ghandha relazzjoni normali mal-familja ta' zewgha.

Semmiet li kienet taf li l-attrici Maria Agius kienet baghtet lill-konvenuta ohtha Guza Schembri, Lm750 mill-Lm1,000 li missierha kien sellifha. Kienet bint l-attrici Maria Agius u *cioe`* Montez li hadet il-flus u *cioe`* s-Lm750 liz-zija Guza.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Monica Theresa *sive* Montes Agius</u> fejn semmiet li ommha kienet bghatet Lm750 lil zijitha Guza, liema ammont kien parti minn ammont ikbar ta' Lm1,000 li nannuha kien silef lil ommha. Dawn il-flus ommha baghtithom maghha lil zitha Guza u ommha kienet zammet sehemha u *cioe`* Lm250.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1. Accettazzjoni tal-wirt:</u>***

Illi mix-xhieda hawn fuq riportata irrizulta b'mod car li l-attrici kienet tacitament accettat il-wirt u dan irrizulta car mill-fatt li zammet il-Lm250 bhala sehemha oltre ghal arlogg u vazuni li zammet [ara f'dan ir-rigward Vol. XIX, Parti III, P.43; Vol. XXXVI, Parti II, p.475; Vol.XXIII, Parti I, p.254; Vol. XXVII, Parti I, p.791; Vol. XXX, Parti II, p.256, kif ukoll is-sentenzi fl-ismijiet "**Lorenza Cauchi vs Carmelo Cilia *et*"** deciza mill-Prim'Awla fit-30 ta' Settembru, 1985 u "**Giovanni Dimech *et* vs Maria armla minn Philip Ellul *et*** deciza mill-Prim'Awla fit-8 ta' Jannar, 1993.

F'dan is-sens tilqa' l-hames eccezzjoni ta' Guza Schembri, Louis Schembri u Pawlu Aquilina.

***<u>D2. Nuqqas ta' rinunzja formali ghall-eredita`:</u>***
Biex wiehed jistitwixxi azzjoni ghal-legittima hu necessarju li jkun hemm rinunzja formali ghall-eredita`. Infatti l-legittimarju mhux eredi (**Lombardo Bugeja vs Lombardo Bugeja**, Prim'Awla, 4 ta' Jannar 1881; **Farrugia vs Mintoff**, Appell, 10 ta' Gunju, 1949).

Fil-kaz *de q*uo kien biss fil-mori tal-kawza li l-attrici pprezentat nota quddiem il-Qorti Civili. Ma jistax l-ewwel jaccetta l-wirt u jigi istitwit bhala eredi u effettivament jaccetta l-eredita` u mbaghad jiddeciedi li jirrizunzja ghall-eredita` u jitlob il-legittima.

Il-Qorti tilqa' ghalhekk din l-eccezzjoni.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Peress li l-Qorti iddikjarat hawn fuq li l-attrici kienet accettat il-wirt u li ma setghetx titlob aktar il-legittima, huwa inutli li tidhol fil-mertu tat-talbiet l-ohrajn u ghall-istess ragunijiet tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------